MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 81

5 ta' Marzu 2013

Minuti tas-Seduta Nru. 81 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu 2013.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.6. **(Ref: A/5/3/1/Vol XII)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

"*2.1.6.* Is-Sur R. Cutajar wieġeb għalkemm kien hemm numru ta' persuni li ġew *ikkuntattjati, dawn għal xi raġuni jew oħra, kellhom jaqgħu u l-għażla waqgħet fuq is-Sur Keith Micallef li huwa ġurnalist indipendenti, filwaqt li ġie mitlub jagħti s-servizzi tiegħu f'okkażjonijiet oħra.".*

1.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għall-minuta 15.3. **(Ref: P/4/6/Vol V; P/4/26)** u talab li din tiġi emendata biex tinqara kif ġej:

"*15.5. Is-Sindku wieġeb li ma jkunx ġust illi proġetti imwettqa mill-Kunsill attwali jitħallew sabiex jiġu nawgurati minn dak sussegwenti. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li ntbagħtet stedina lid-Deputati Parlamentari kollha tad-distrett.*"

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 80, bl-emenda t'hawn fuq, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Toroq fil-programm ta' Transport Malta (T/4/7/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol fuq Triq il-Fuħħar fil-Manikata wasal biex jintemm.

2.1.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill kiseb permess sabiex jitneħħew żewġ arbli minn Triq Mons. Ġużeppi Schembri sabiex jiġu trasferiti *cables* tal-elettriku għal taħt l-art, flimkien max-xogħol fuq id-*ducts* li tqiegħdu bil-lest għad-dwal tat-toroq. Huwa kompla jispjega li min-naħa tagħha, l-Enemalta lesta li tipprovdi l-*cable* u tneħħi l-arbli għas-spejjeż tagħha. Hekk kif isir dan ix-xogħol it-triq tkun tista' tingħata wiċċ bit-tarmak.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva x-xogħlijiet indikati fil-minuta 2.1.3.

### 2.2.1. Ftehim mal-Fondazzjoni ARKEO dwar l-immaniġġjar tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/A)

2.2.2. Is-Segretarju aġġorna lill-Kunsill billi għarraf li ngħatat konferma bil-kitba mill-kumpanija tal-assikurazzjoni, li l-*Public Liability Policy* li għandu l-Kunsill tkopri wkoll inħawi lill'hinn minn toroq asfaltati u għalhekk tinkludi wkoll passaġġi bir-riġel jew toroq rurali.

2.2.3. Il-Kunsill kompla jiddiskuti s-suggett, partikularment is-self ta' oġġetti antiki mill-Fondazzjoni Mellieha, li lesti jisilfuhom sabiex jintwerew fl-irziezet ta' Selmun. Il-Kunsill iddecieda li dan l-arrangament ghandu jigi formalizzat permezz ta' ftehim direttament bejn l-Fondazzjoni Mellieha u l-Kunsill. Il-ftehim li jsir mal-Fondazzjoni ARKEO għandu jkun jinvolvi strettament l-immaniggjar tal-*heritage trail*. Il-Kunsill innota li l-Fondazzjoni Mellieħa jidher li hija rreġistrata bħala organizzazzjoni volontarja bin-numru ta' reġistrazzjoni VO 0375.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 05/03/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 08/02/13 – 27/02/13;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 07/02/12 – 12/02/13
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2012

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Attivita` ta' logħob tan-Nar f'Misraħ il-Parroċċa u l-*Malta International Fireworks Festival* - Mellieha (A/5/5/Vol VII)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 28 ta' Frar 2013, mibgħut mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu li għandha l-intenzjoni li tuża Misraħ il-Parroċċa sabiex ittellgħa attivita` flimkien mal-Għaqda tan-Nar Maria Bambina f'nhar il-Festa tal-Imnarja, fid-29 ta' Ġunju u fit-13 ta' Lulju 2013.

4.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru ż-żewġ attivitajiet imsemmija fid-post u dati ndikata.

4.1.4. Is-Segretarju għarraf ukoll li fit-28 ta' April 2013, l-istess Awtorita` ser tinkludi l-Mellieħa fil-*Malta International Fireworks Festival*. Minħabba problema li hemm biex jinħaraq in-nar minn Ġnien Ingraw, l-organizzaturi qed jikkonsidraw li din isseħħ f'Għajn Tuffieħa.

4.1.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-post indikat, fuq ir-riħ tar-Ramla tal-Mixquqa, huwa maqtugħ wisq u għalhekk ma jistax jitgawda mill-pubbliku, partikularment fix-xahar ta' April. Għaldaqstant kien propost li għandha tiġi mistħarrġa l-possibilita` li n-nar jingħata minn fuq barkun fil-Bajja tal-Għadira, jew mill-inħawi Tal-Prajjet.

### 4.2.1. PA 5919/09 – Talba sabiex tinbena lukanda fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq San Publiju (P/5/8/G)

4.2.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 4 ta' Marzu 2013, fejn il-MEPA għarrfet li reġgħu ġew sottomessi pjanti riveduti mill-perit tal-applikant. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-pjanti l-ġodda ġew murija lill-Perit J. Attard (*Contracts Manager*), filwaqt li kopja tagħhom ġiet mgħoddija lill-kunsillieri qabel is-seduta. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-*Contracts Manager* issottometta abbozz ta' rappreżentazzjonijiet li għandhom jsiru mal-MEPA wara ra l-pjanti illi ġew modifikati.

4.2.3. Il-Kunsill ra l-pjanti u osserva u osserva li min-naħa ta' Triq il-Kappillan Magri, il-bini ser ikun ta' żewġ sulari mat-triq u sular ieħor irtirat 'il ġewwa. Min-naħa ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, qed tiġi proposta binja ta' erba' sulari mat-triq u sular ieħor irtirat 'il ġewwa. Ra wkoll il-kummenti li saru mill-*Contract Manager,* fejn ġibed l-attenzjoni dwar fatturi bħalma huwa l-għoli propost u l-linja tal-bini fuq in-naħa ta' Triq San Publiju, fost oħrajn wara li eżamina l-*policies* relevanti fil-Pjan ta' Struttura u l-Pjan Lokali. Kien hemm qbil li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA fuq l-istess linji proposti mill-Contacts Manager.

## 4.3.1. Traġitt ta' vetturi kbar f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol IX)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 12 ta' Marzu 2013 dwar talba li saret mill-Perit Ian Zammit sabiex jiġi limitat il-piż tal-vetturi li jgħaddu minn fuq is-soqfa tal-*boathouses* li hemm taħt il-livell ta' Dawret it-Tunnara, minħabba l-ħsara li tista' tiġri fl-istess soqfa.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba jiġi ristrett il-piż tal-vetturi fuq toroq ta' dan it-tip, għal tunnellata biss, tinħoloq problema ta' aċċess f'diversi partijiet. Dan meta jitqies li jeżistu numru konsiderevoli ta' *boathouses* fl-inħawi, bħamla huma dawk matul ix-Xatt Ta' Santa Marija.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġew imressqa *Purchase Request Form* u addenda magħha datati 5 u 13 ta' Marzu 2013.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fiż-żewġ skedi.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqu Skedi ta' Pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* u addenda magħha, li jkopru bejn it-8 u s-27 ta' Frar u bejn it-13 ta' Frar u l-5 ta' Marzu 2013. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-8 u s-27 ta' Frar u addenda magħha li tkopri bejn it-28 ta' Frar u t-13 ta' Marzu 2013.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-erba' skedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 7.1. Ftehim dwar it-tmexxija tal-Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (A/6/7/4)

7.2. Is-Segretarju rrefer għall-abbozz tal-ftehim dwar it-tmexxija tal-uffiċċju informazzjoni għat-turisti, li attwalment jinsab fil-bini tal-Għassa tal-Puliżija. Dan saru wara li nkiseb il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa spjega li dan irid jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu Kopja tal-abbozz ġiet mgħoddija lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta.

7.3. Ġie spjegat li l-involviment finanzjarju tal-Kunsill f'dan il-ftehim ser ikun l-ispiża tat-telefon, filwaqt li spejjeż oħra jridu jinġarru mill-Awtorita`.

7.4. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim.

## 8.1. Ftehim ma' Green MT Ltd dwar il-ġbir tal-iskart reċiklabbli għas-snin 2013-2014 (K/6/11)

8.2. Is-Segretarju rrefer għall-abbozz tal-ftehim, li ġie mgħoddi lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta, dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa spjega li l-ftehim jipprovdi fost oħrajn li:

- Tingħata somma €1,000 mal-iffirmar tal-ftehim;
- Kemm-il darba l-Kunsill ma jieħux l-*option* tat-tqassim tal-boroz il-grizi b'xejn, f'kaz li l-iskart reċiklabbli li jinġabar jaqbeż 3,100 Kg fix-xahar, il-Kunsill jieħu:

  (a) €15 kull tunnellata, filwaqt li għat-tieni tliet tunnellati jingħata €25 kull tunnellata; u

  (b) €20 għal kull tunnellata ta' skart li jingabar mill-*bring-in sites*.
- L-iskema toffri s-somma ta' €1,500 fis-sena biex jigu ddedikati lill-inizjattivi ambjentali fil-lokalita`;
- L-iskema tinkludi wkoll €500 biex tintuża għall-istampar u pubbliċita` fuq perjodu ta' sentejn;
- Servizz ta' ġbir ta' skart reċiklabbli mill-Bajja tal-Għadira (*Blue Flag*) għal perjodu ta' 16-il ġimgħa;
- *Bring-in sites* li jiġu *serviced* minn inqas darbtejn fil-ġimgħa;

- Green MT tobbliga ruħha li tgħaddi tagħrif lir-residenti permezz ta' viżti bieb, bieb, tqassim ta' fuljetti eċċ; u
- Jitqassmu ħames *vouchers* ta' €25 kull wieħed kull xahrejn, fil-lokalita`.

8.3. Wara l-ispjegazzjoni tal-klawsoli ewlenin tal-ftehim, il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim.

## 9.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2012 (F/1/1/Vol II)

9.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

9.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 10.1. Niżla li tagħti għall-Moll ta' Anchor Bay (D/3/1/Vol V).

10.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li waqa' ħafna terrapien mill-ġnub tat-triq imsemmija, peress li din hija mqatta' fit-turbazz. Huwa ppropona li din titnaddaf permezz ta' ġaffa.

10.3. Ittieħdet nota biex possibilment tittieħed azzjoni.

## 11.1. Periklu fi Triq Wied Musa (T/3/2/Vol X)

11.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-inċident fatali traffiku li ġara fl-10 ta' Marzu 2013 fit-triq imsemmija fejn vetturi ħabtet ma' mutur *head-on* fit-triq imsemmija. Huwa qal li dan x'aktarx ġara minħabba nuqqas ta' viżibilita` fuq iż-żewġ naħat tal-għolja, minn fejn tgħaddi t-triq. Huwa qal li l-inċident seta kien ikkawżat mill-impressjoni li għandhom diversi sewwieqa illi din it-triq għandha *one-way*, kif kienet waqt ix-xogħlijiet fuq Triq il-Marfa.

11.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jitwaħħlu tabelli li jindikaw illi t-triq hija *two-way*, filwaqt li jittieħed il-parir ta' Transport Malta dwar l-aktar arranġament addattat.

## 12.1. Periklu fi Triq il-Pont (T/3/2/Vol X)

12.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li bl-asfaltar ta' Triq il-Pont żdiedet il-veloċita` tal-vetturi, bir-riżultat li nħoloq periklu fejn l-istess triq tingħaqad ma' Triq is-Sliem. Huwa għalhekk ippropona li jsiru sinjali u tabelli STOP fi Triq is-Sliem kantuniera ma' Triq il-Pont, kif ukoll fi Triq il-Pont kantuniera ma' Triq Għajn Żejtuna u ma' Triq il-Qasab.

12.3. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li l-*ispeed hump* li hemm fi Triq Għajn Żejtuna, faċċata ta' Triq il-Pont, għandha titneħħa minħabba li titfa` ħafna ilma tax-xita f'din it-triq. Huwa qal ukoll li din hija perikoluża għat-traffiku minħabba l-posizzjoni skuntrata tagħha.

12.4. Is-Segretarju fakkar li attwalment qed tiġi pproċessata applikazzjoni mill-MEPA sabiex fl-istess post isir ġibjun tal-ilma, liema xogħol għandu jinkludi t-tneħħija tal-*hump* imsemmija u minflokha jsiru spralli għall-ilma tax-xita li jieħdu l-ilma tax-xita direttament lejn il-Wied ta' Għajn Żejtuna.

12.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa fil-minuta preċedenti.

## 13.1. Parkeġġ limitat bil-ħin fi Triq Sant' Anna (T/3/2/Vol X)

13.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuti tas-seduta Nru. 71 tal-20 ta' Ġunju 2012 u staqsa dwar x'kien ġara mill-proposta dwar is-suġġett t'hawn fuq.

13.3. Is-Segretarju qal li din kienet ġiet sottomessa għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta, li min-naħa tagħhom talbu lill-Kunsill jiġbor ċertu tagħrif dwar in-numru ta' residenzi, stabbilimenti kummerċjali u fuq it-tendenzi tat-traffiku. Il-*Contracts Manager* intalab jgħaddi dan it-tagħrif lil Transport Malta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fis-7.00pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Marzu 2013 fis-6.00pm

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**